

Brussell, 19 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

12099/20

AGRI 367
ENV 645
PESTICIDE 33
PHYTOSAN 24
FORETS 33
SAN 367
VETER 44
PECHE 329
MARE 27
ECOFIN 949
RECH 407
SUSTDEV 137
DEVGEN 140
FAO 24
WTO 279

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Ottubru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11822/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i> (19 ta' Ottubru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, kif approvati mill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fid-19 ta' Ottubru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoeconomija - "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent"
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2019 dwar it-trattament xieraq tal-annimali - parti integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali (dok. 14975/19)
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2019 dwar Il-passi li jmiss kif jiġu indirizzati u skoraġġuti aħjar prattiki frawdolenti fil-katina agroalimentari (dok. 15154/19)
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2016 dwar it-telf u l-ħela tal-ikel (dok. 10730/16)
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019 dwar il-passi li jmiss biex l-UE ssir reġjun tal-aħjar prattika fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (dok. 10366/19)
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) (dok. 10227/18)

JIRRIKONOXXI li l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija F2F" hija fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku u li tindirizza b'mod komprensiv l-isfidi tas-sistemi sostenibbli tal-ikel u tirrikonoxxi r-rabtiet bejn l-ikel, is-soċjetajiet b'saħħithom u pjaneta b'saħħitha.

I. AZZZJONI MEĦTIEĠA GĦAL TRANŻIZZJONI LEJN SISTEMI TAL-IKEL SOSTENIBBLI

- (1) **JILQA'** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent".
- (2) **JENFASIZZA** li l-miżuri previsti fl-Istrateġija jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u l-għanijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.
- (3) **JAQBEL** mal-Kummissjoni li l-ikel Ewropew diġà huwa standard globali għal ikel li huwa sikur, abbondanti, nutrittiv u ta' kwalità għolja, u li dan huwa r-riżultat ta' snin ta' tfassil ta' politika tal-UE u tal-isforzi li saru mill-bdiewa, is-sajjieda u l-produtturi tal-akkwakultura.
- (4) **JAPPROVA** l-għan li tiġi żviluppata sistema tal-ikel sostenibbli Ewropea, mill-produzzjoni sal-konsum. Il-miżuri previsti fl-Istrateġija F2F għandhom jikkontribwixxu biex tinkiseb in-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 kif ukoll l-għanijiet u l-miri tal-bijodiversità, biex jiġu ppreservati r-riżorsi naturali u l-pajsaġġ kulturali¹ u biex titnaqqas il-vulnerabbiltà u tiżdied ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. **JENFASIZZA** r-rwol vitali tad-dakkara għal ekosistemi b'saħħithom u s-sigurtà tal-ikel.
- (5) **JENFASIZZA** li l-impronta ambjentali u klimatika tas-sistema tal-ikel attwali tal-UE għandha titnaqqas u li l-limiti dinjija u l-prinċipju ta' prekawzjoni għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq. Barra minn hekk, il-miżuri previsti fl-Istrateġija F2F għandhom iwasslu għal apprezzament akbar tal-ikel u għal titjib fis-saħħa. F'dan il-kuntest, **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi, sa mhux aktar tard minn tmiem l-2023, inizjattiva leġislattiva li tistabbilixxi qafas għal sistemi tal-ikel sostenibbli, u jistenna b'interess id-deliberazzjonijiet dwar il-proposti rispettivi.

¹ Definizzjoni tal-UNESCO: <https://whc.unesco.org/en/guidelines/>

- (6) **JAQBEL** mal-Kummissjoni li l-pandemija tal-COVID-19 tenfasizza r-rwol vitali tal-ktajjen tal-provvista tas-suq uniku u l-importanza ta' sistemi tal-ikel robusti u reżiljenti, filwaqt li **JINNOTA** l-komplessità tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel. Barra minn hekk, **JAQBEL** li l-aċċess taċ-ċittadini Ewropej għal provvista suffiċjenti u varjata ta' ikel ta' kwalità għolja, nutrittiv, sikur u prodott b'mod sostenibbli bi prezzijiet raġonevoli għandu jiġi żgurat b'mod kostanti sabiex jiġu garantiti s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni. Jenħtieġ rispons Ewropew komuni għall-kriżijiet li jaffettwaw is-sistemi tal-ikel biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tagħhom fl-UE, biex jiġu żgurati s-sigurtà, in-nutrizzjoni u s-sikurezza tal-ikel, u biex tiġi salvagwardjata s-saħħa pubblika. **JENFASIZZA** li hemm bżonn li nimxu lejn integrazzjoni intelliġenti tas-sistemi globali, reġjonali u lokali tal-ikel inkluż ktajjen tal-provvista iqsar, b'tali mod li dawn isaħħu lil xulxin u jżidu s-sigurtà tal-ikel, f'konformità mal-prinċipji tas-suq uniku.
- (7) **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa pjan ta' kontinġenza mfassal biex jiżgura l-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi.
- (8) **JENFASIZZA** l-importanza tal-prinċipju ta' prekawzjoni, approċċ ibbażat fuq ir-riskju u tal-bijosigurtà fis-salvagwardja tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-ħamrija u tal-pjanti fl-UE u globalment, kif ukoll biex jiġu appoġġati l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel. **JILQA'** l-oġġettiv tal-Kummissjoni li tipproteġi aħjar is-saħħa tal-pjanti. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tikseb dan l-oġġettiv filwaqt li żżomm livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent u s-saħħa pubblika.
- (9) **JIRRIMARKA** li jenħtieġ li tingħata importanza speċjali lis-saħħa tal-annimali, il-bijosigurtà u t-trattament xieraq tal-annimali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija F2F. **JENFASIZZA** l-fatt li s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali huma prekundizzjoni għall-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem, u li s-saħħa tal-annimali hija prekundizzjoni biex titnaqqas il-ħtieġa għall-antimikrobiċi. **IFAKKAR** f'dan il-kuntest fi tliet settijiet ta' konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2019^{2, 34}

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijosigurtà, kunċett ġenerali b'approċċ unitarju għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali fl-UE (dok. 10368/1/19 REV1)

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-passi li jmiss biex l-UE ssir reġun tal-aħjar prattika fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (dok. 9765/19)

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali - parti integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali (dok. 14975/19)

- (10) **JĠGBED L-ATTENZJONI** għall-firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, leġislazzjoni u strumenti mhux vinkolanti li jinfluwenzaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija F2F u **JENFASIZZA** l-ħtieġa għal approċċ kooperattiv u koerenti b'appoġġ reċiproku, b'enfasi fuq is-sinerġiji. **IFAKKAR** fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tibbaża proposti leġislattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa. **IQIS** li huwa neċessarju li jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza bejn il-miżuri previsti mill-Istrateġija F2F u l-Politiki Komuni tal-Agrikoltura u s-Sajd, il-politika kummerċjali, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, kif ukoll politiki u strateġiji relatati oħra tal-UE.
- (11) **IFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent"⁵ u **JIRRIMARKA** li s-sistema tal-ikel hija parti integrali minn bijoeconomija ċirkolari u sostenibbli, li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jsiru sforzi biex jissaħħu s-setturi b'bażi bijoloġika, inkluż billi jinfetħu l-investimenti u s-swieq, u billi jitrawmu l-produzzjoni u l-ipproċessar sostenibbli tal-bijomassa.
- (12) **JENFASIZZA** li, fir-rigward tat-twettiq tal-oġġettivi u l-miżuri proposti fl-Istrateġija F2F, jeħtieġ li tingħata attenzjoni adegwata lid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tas-sistemi tal-ikel sostenibbli, inkluż fir-rigward tal-kompetittività tas-settur tal-agrikoltura u setturi relatati tal-UE.
- (13) **JENFASIZZA** li l-iżgurar ta' introjtu ġust għall-produtturi primarji huwa ferm importanti biex ikun hemm tranżizzjoni b'suċċess lejn sistema tal-ikel sostenibbli. **JENFASIZZA** kemm huwa importanti li tissaħħaħ aktar il-pożizzjoni tal-produtturi primarji, il-kooperattivi tagħhom u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fil-katina tal-provvista tal-ikel u ta' inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni għal prattiki sostenibbli sabiex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-beni pubbliċi bħas-servizzi tal-ekosistema. **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissorvelja l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Ġusti.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata "Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: insaħħu r-rabta bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent" (dok. 14594/19)

- (14) **JILQA'** l-fatt li l-Istrateġija F2F tenfasizza wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala mezz biex jinkisbu sistemi tal-ikel sostenibbli. Dan jinkludi l-innovazzjoni ekoloġika u diġitali u l-bijoteknoloġija, dment li dawn ikunu sikuri għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li għandhom jikkontribwixxu għal bidla fuq skala wiesgħa fil-prattiki tal-produzzjoni tal-ikel. F'dan ir-rigward, ħafna inizzjattivi tal-UE u oħrajn reġjonali, bħall-programm Orizzont Ewropa u l-inizzjattiva BIOEAST, għandhom rwol ewlieni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni diġitali, l-espansjoni ta' broadband veloċi fiż-żoni rurali hija essenzjali wkoll.
- (15) **JIRRIKONOXXI** r-rwol tal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola fil-promozzjoni tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni fl-UE kollha kemm hi ta' programmi u sħubiji ta' riċerka u innovazzjoni ambizzjużi u orjentati lejn il-ksib tal-miri. **JENFASIZZA** wkoll il-ħtieġa li r-riżultati tar-riċerka jixterdu aħjar u b'mod aktar b'saħħtu sabiex jinħolqu rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-komunità xjentifika, il-gvernijiet, il-bdiewa, is-sajjieda, l-operaturi tan-negozju u l-konsumaturi, sabiex jiġu promossi l-innovazzjoni u l-iżvilupp. **JENFASIZZA** l-importanza tar-riċerka fl-għarfien dwar l-imġiba bħala mutur ewlieni għat-tfassil u implimentazzjoni b'suċċess tal-politika.

II. NIŻGURAW IL-PRODUZZJONI SOSTENIBBLI TAL-IKEL FL-UE

- (16) **JIRRIKONOXXI** li l-miżuri previsti fl-Istrateġija F2F għandhom jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-setturi tal-biedja permezz tal-promozzjoni ta' mudelli ta' negozju sostenibbli alternattivi għall-bdiewa tal-UE, filwaqt li tinżamm l-eżistenza ta' forom ta' produzzjoni differenti u tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' riżorsi għall-produzzjoni, inkluż l-art, għall-produtturi primarji.
- (17) **JIEĦU NOTA** tal-miri rigward it-tnaqqis tal-pestiċidi, l-antimikrobiċi u l-fertilizzanti kif ukoll il-miri l-oħra stabbiliti fl-Istrateġija F2F. **JIRRIMARKA** li l-kisba ta' dawk il-miri ser tirrikjedi sforzi mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati kollha u kooperazzjoni, konsultazzjoni u kollaborazzjoni intensivi.

JITLOB LILL-KUMMISSJONI, f'dan ir-rigward, biex

- tibbaża proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt ex ante b'bażi xjentifika soda li jiddeskrivu l-metodi tal-kalkolu tal-miri u l-linji bażi u l-perjodi ta' referenza ta' kull mira individwali, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri. Għandu jittieħed kont tal-effetti kumulattivi tal-proposti leġiżlattivi.
- tiżgura li dawn il-miri jkunu miri tal-UE li l-Istati Membri kollha għandhom jikkontribwixxu għalihom permezz ta' azzjoni fil-livell nazzjonali. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jitqiesu s-suċċessi li diġà nkisbu, kif ukoll il-punti ta' tluq, iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet differenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.
- tiżgura li l-gwida u r-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri jkunu ċari, komprensivi, trasparenti, ibbażati fuq ix-xjenza u orjentati lejn il-prestazzjoni.
- tiżgura implimentazzjoni u monitoraġġ kosteffettivi tal-miri, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-swieq agroalimentari kompetittivi u kompatibbiltà mar-regoli tad-WTO.
- tkompli tippromwovi l-użu prudenti u responsabbli tal-antimikrobiċi sabiex tinżamm l-effikaċja tagħhom għall-kura tal-infezzjonijiet fil-bnedmin u l-annimali.

- (18) **JAPPELLA BIE**X tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal amministrazzjoni u implimentazzjoni effiċjenti u kosteffettivi tal-Istrateġija F2F, koordinazzjoni effiċjenti, l-iżvilupp ta' miżuri u mekkaniżmi kredibbli ta' kontroll, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni u qafas komprensiv ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.
- (19) **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffaċilita t-tqegħid fis-suq ta' addittivi tal-ġhalf sostenibbli u innovattivi li jkunu sikuri għall-annimali, għall-bnedmin u għall-ambjent.
- (20) **IQIS** li l-iżvilupp ulterjuri tal-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti u sorsi alternattivi ta' proteini mill-annimali fl-UE huwa mod biex jiġu indirizzati b'mod effettiv bosta mill-isfidi ambjentali u klimatiċi li qed tiffaċċa l-agrikoltura tal-UE, kif ukoll biex tiġi prevenuta d-deforestazzjoni fpajjiżi barra mill-UE.

- (21) **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija ta' tranżizzjoni tal-proteini tal-UE li tħeġġeġ il-kultivazzjoni ta' proteini tal-pjanti għall-ikel u l-għalf fl-UE, kif ukoll l-użu ta' sorsi sostenibbli oħra ta' proteini. **IFAKKAR**, f'dan ir-rigward, fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea⁶.
- (22) **IQIS B'INTERESS** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta inizjattiva ġdida tal-UE dwar il-biedja tal-karbonju bħala parti mill-Patt Klimatiku u li tiżviluppa qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni tat-tnaqqis tal-gassijiet serra u għat-tneħħija tal-karbonju abbażi ta' kontabbiltà tal-karbonju robusta u trasparenti, bil-ħsieb li jiġi vverifikat u mmonitorjat it-tnaqqis tal-gassijiet serra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar u kontabbiltà tal-UE. **JAPPELLA BIEX** f'dan il-kuntest issir enfasi speċjali fuq il-karattru sostenibbli tal-ħżin tal-karbonju, filwaqt li jiġu evitati l-effetti ta' rilokazzjoni u l-impatti negattivi fuq l-ambjent. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-konsegwenzi għall-materja organika tal-ħamrija u l-kobenefiċċji għal ċerti Prattiki Agrikoli sostenibbli. **JINNOTA** li l-inizjattiva tal-UE dwar il-biedja tal-karbonju tista' tkun kontribut importanti għall-ambizzjoni klimatika tal-UE.
- (23) **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tieħu azzjonijiet konkreti biex jiġu żgurati l-protezzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-annimali. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija tal-UE għar-riżorsi ġenetiċi għall-akkwakultura, il-foresti u l-agrikoltura li tkun ibbażata fuq il-ħidma tal-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura tal-FAO. B'riżultat ta' dan, il-produtturi primarji għandhom jibbenefikaw minn aċċess aktar faċli għas-suq għal varjetajiet u razzi kulturali, klimatiċi u li jkunu adattati lokalment. **JILQA'**, f'dan il-kuntest, l-oġettiv tal-Kummissjoni li tiffaċilita r-reġistrazzjoni tal-varjetajiet taż-żrieragħ, inklużi l-varjetajiet użati għall-biedja organika.

⁶ Komunikazzjoni (COM (2018) 757 final)

- (24) **JILQA'** l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li l-ingredjenti u t-tekniki innovattivi ġodda jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied is-sostenibbiltà, dment li jkunu sikuri għall-bniedem, l-annimali u l-ambjent, filwaqt li jgħibu benefiċċji għas-soċjetà kollha kemm hi. **JISTENNA B'INTERESS** l-istudju tal-Kummissjoni⁷ fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 rigward l-istatus ta' tekniċi ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni.
- (25) **JILQA'** l-oġġettiv tal-Kummissjoni li tnaqqas l-effetti negattivi tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq l-ambjent, pereżempju billi jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' approċċi aktar komprensivi għall-protezzjoni tal-pjanti bbażati fuq il-prinċipji ta' ġestjoni integrata tal-pesti. **JENFASIZZA** f'dan ir-rigward l-importanza li jiġu żgurati miżuri integrati għall-ġestjoni tal-pesti li jkunu adegwati u l-promozzjoni tal-użu ta' prodotti u metodi sostenibbli u alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (26) **JINNOTA** li r-regolamenti adottati reċentement dwar il-prodotti mediċinali veterinarji u l-għalf medikat jipprovdu miżuri li ser jgħinu biex tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv it-theddida globali tar-reżistenza antimikrobika f'approċċ "Saħħa Waħda". **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tħejji, malajr kemm jista' jkun, l-atti delegati u ta' implimentazzjoni meħtieġa.

⁷ F'Novembru 2019, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea talab lill-Kummissjoni (Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1904) biex sat-30 ta' April 2021 tippreżenta "studju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 dwar l-istatus ta' tekniċi ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni" (jiġifieri d-Direttiva 2001/18/KE, ir-Regolament (KE) 1829/2003, ir-Regolament (KE) 1830/2003 u d-Direttiva 2009/41/KE)."

- (27) **JILQA'** l-fatt li fl-Istrateġija F2F tħabbar li l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandha tiġi rieżaminata fid-dawl tal-aħħar għarfien xjentifiku, sabiex il-leġiżlazzjoni tkun tista' ssir aktar komprensiva u aktar faċli biex tiġi implimentata. Fl-aħħar mill-aħħar dan għandu jiżgura livell ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali u fiduċja akbar mill-konsumatur fl-UE kollha. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex twettaq dan ir-rieżami kemm jista' jkun malajr sabiex tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari dwar it-trasport tal-annimali, u tipproponi regoli ġodda għall-annimali li għadhom mhux koperti minn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tikkoopera ma' sħab oħra f'fora internazzjonali f'konformità mal-pożizzjonijiet ta' politika stabbiliti mill-Kunsill, sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ulterjuri ta' standards internazzjonali dwar it-trattament xieraq tal-annimali mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), kif ukoll biex jiġu stabbiliti u implimentati l-aħjar prattiki possibbli dwar it-trattament xieraq tal-annimali.
- (28) **IFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2019⁸ u **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-impatt ta' qafas regolatorju tal-UE bi kriterji għal skema ta' tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali li tikkontribwixxi għal titjib fit-trattament xieraq tal-annimali, trasparenza akbar tas-suq, għażla aħjar għall-konsumatur u kumpens aktar ġust għall-bhejjem taħt livelli ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. **JIRRIMARKA** li għandu jittieħed kont tal-esperjenza nazzjonali u li l-piż amministrattiv addizzjonali għandu jitnaqqas kemm jista' jkun.
- (29) **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex iżżomm livell għoli ta' sikurezza tal-ikel fl-UE u tilqa' aktar azzjonijiet li jsaħħu s-sistema tas-sikurezza tal-ikel u jiġġieldu l-frodi alimentari fl-istadji kollha mill-għalqa sal-platt. **IFAKKAR** f'dan ir-rigward fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2019 dwar il-passi li jmiss kif jiġu indirizzati u skoraġġuti aħjar prattiki frawdolenti fil-katina agroalimentari⁹.

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali - Parti integrali mill-produzzjoni sostenibbli tal-annimali (dok. 14975/19)

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-passi li jmiss kif jiġu indirizzati u skoraġġuti aħjar prattiki frawdolenti fil-katina agroalimentari (dok. 15154/19)

- (30) **JENFASIZZA** l-fatt li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi. Għaldaqstant **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tiffaċilita, f'konformità mar-regoli sanitarji u l-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' riżorsi li jiġu rkuprati lokalment mill-iskart, mid-demel jew mill-prodotti sekondarji.
- (31) **JIRRIMARKA** li r-Regolament futur dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri ser ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-ekoloġizzazzjoni tal-PAK u b'hekk għal xi wħud mill-oġettivi previsti fl-Istrateġija F2F. **JILQA'**, f'dan ir-rigward, li l-PAK futura hija mistennija ssaħħa il-prinċipju tas-sussidjarjetà u tagħti konsiderazzjoni debita lid-diversi kondizzjonijiet nazzjonali u valutazzjonijiet rispettivi tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri, u **JISTENNA B'INTERESS** ir-rakkomandazzjonijiet mhux legalment vinkolanti li jmiss tal-Kummissjoni li jistgħu jservu bħala gwida addizzjonali għall-elaborazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi.
- (32) **IFAKKAR** li l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar dawn l-istrumenti tinsab fil-proċess li tiġi fformulata hekk kif il-proposti tal-PAK ta' wara l-2020 bħalissa qed jiġu nnegożjati mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.
- (33) **JILQA'** l-oġettiv tal-UE għall-art agrikola tal-UE iddedikata lill-biedja organika u żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika. **JIRRIKONOXXI** li l-biedja organika tista' tagħti kontribut importanti għal sistemi tal-ikel sostenibbli. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tivvaluta wkoll mudelli oħra possibbli ta' biedja li jistgħu jwasslu għal benefiċċji ambjentali simili.
- (34) **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-oġettiv ambizzjuż li pproponiet għall-iżvilupp tal-biedja organika fl-UE sal-2030, biex tavvanza l-ħidma fuq il-Pjan ta' Azzjoni mħabbar tagħha dwar il-biedja organika flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati. Il-ħidma jeħtieġ li tiżgura bilanċ bejn il-provvista u d-domanda. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri kollha u biex taċċellera l-ħidma dwar ftehimiet ta' ekwivalenza ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu promossi l-esportazzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-prodotti organiċi.

- (35) **JENFASIZZA** l-importanza taż-żamma u r-restawr tal-fertilità tal-ħamrija u l-produttività agronomika sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali. **JIRRIKONNOXXI** li t-tagħbija żejda ta' nutrijenti li tirriżulta minn ċerti prattiki agrikoli għandha impatt negattiv fuq l-ekosistemi, il-klima u l-bijodiversità. **JILQA'** l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiżviluppa, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, pjan għall-ġestjoni tan-nutrijenti. **JIRRIMARKA** f'dan ir-rigward il-potenzjal tar-riċiklaġġ tan-nutrijenti li juża, pereżempju, il-possibbiltajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali u l-agrikoltura ta' preċiżjoni.
- (36) **JILQA'** l-ambizzjoni tal-Kummissjoni biex tippromwovi Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) effettivi, li jinvolvu l-atturi tal-katina alimentari u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
- (37) **JISSOTTOLINJA** l-potenzjal sinifikanti tas-sajd u l-akkwakultura għall-produzzjoni tal-ikel għal dieti u għalf sostenibbli u tajbin għas-saħħa fl-UE u **JIRRIKONNOXXI** l-progress li sar fil-mixja lejn sajd u akkwakultura sostenibbli fl-UE. Fl-istess ħin, il-ħidma f'dan il-qasam jeħtieġ li tiffoka fuq il-preservazzjoni ta' bilanċ sostenibbli tal-istokkijiet naturali tal-ħut, biex jiġi adottat approċċ ta' tolleranza żero fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, biex jiġi miġġieled is-sajd eċċessiv u jiġi limitat l-impatt negattiv fuq l-ambjent. **JAPPELLA** għall-preservazzjoni ta' prattiki tradizzjonali u sostenibbli tal-akkwakultura u t-titjib tal-kompetittività u r-reżiljenza tagħhom. **JILQA'** t-tħabbir tar-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi tal-UE tal-2013 dwar l-akkwakultura¹⁰.
- (38) **JILQA'** l-pjanijiet tal-Kummissjoni biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar il-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel sabiex ittejjeb is-sikurezza tal-ikel u s-saħħa pubblika. **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tiżviluppa regoli armonizzati għal tipi speċifiċi ta' materjal użat għall-kuntatt mal-ikel fid-dawl taż-żieda fid-domanda għaċ-ċirkolarità, filwaqt li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel. Barra minn hekk, bħala rekwiżit komuni tal-UE, **JAPPELLA GĦAL** dikjarazzjoni ta' konformità għall-materjal kollu li jiġi f'kuntatt mal-ikel sabiex tiġi dokumentata s-sikurezza tal-materjal, tingħata informazzjoni rilevanti lill-utent li jmiss fil-katina tal-provvista u tittejjeb ir-riċiklabbiltà ta' materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel.

¹⁰ COM/2013/0229: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52013DC0229&from=MT>

III. PROMOZZJONI TA' PRATTIKI SOSTENIBBLI FL-IPPROĊESSAR TAL-IKEL U FL-INDUSTRIJA TAL-IKEL

- (39) **JAQBEL** mal-Kummissjoni li r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel fil-livelli kollha, inkluż fil-livell reġjonali u dak lokali, iridu jittejbu.
- (40) **JILQA'** integrazzjoni aħjar tal-iżvilupp sostenibbli fil-politika Ewropea dwar il-kwalità. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tafferma mill-ġdid ir-rilevanza u l-importanza tal-iskemi ta' kwalità Ewropej u ssaħħa il-qafas leġislativ dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.
- (41) **JIRRIKONOXXI** r-rwol essenzjali tal-industrija tal-ikel u tas-settur tal-bejgħ bl-imnut, li għandhom ikunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis tal-impronta ambjentali tas-sistemi tal-ikel. **JILQA'** t-tħabbira tal-Kummissjoni li ser tfassal kodiċi ta' kondotta tal-UE u qafas ta' monitoraġġ ta' akkumpanjament.
- (42) **JAPPOĠĠA LILL-KUMMISSJONI** fl-impenn tagħha li tiffaċilita dieta aktar tajba għas-saħħa u sostenibbli. **JENFASIZZA** l-importanza tal-promozzjoni tar-riformulazzjoni tal-ikel f'konformità mal-linji gwida dwar dieta tajba għas-saħħa u sostenibbli (eż. għall-melħ, iż-żokkor u x-xaħam saturat). **IQIS B'INTERESS** l-issoktar tad-diskussjonijiet bil-ħsieb li jiġu stabbiliti profili nutrittivi biex jiġi ristrett l-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa fir-rigward ta' ikel b'kontenut għoli ta' xaħam, zokkor jew melħ, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa.
- (43) **JILQA'** l-fatt li l-Kummissjoni qed tfittex li ttejjeb il-kontribut tal-programm ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli għal produzzjoni u konsum sostenibbli, inkluż prodotti organiċi u prodotti taħt skemi ta' kwalità.

- (44) **JAFFERMA MILL-ĠDID** l-impenn tal-Kunsill għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12.3 (li titnaqqas bin-nofs il-ħela globali ta' ikel per capita fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u dak tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf ta' ikel tul il-linji tal-produzzjoni u tal-provvista). **JILQA'**, għaldaqstant, il-proposti tal-Kummissjoni għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tat-telf tal-ikel u tal-ħela tal-ikel, b'mod partikolari permezz tar-reviżjoni tar-regoli tal-UE sabiex jiġi evitat in-nuqqas ta' fehim jew l-użu ħażin tal-immarrar tad-data. **IFAKKAR** fl-obbligu tal-Kummissjoni stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE¹¹ (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-UE), kif riveduta bid-Direttiva (UE) 2018/851¹², li tikkunsidra fl-2023 l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' mira għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fl-Unjoni kollha li għandha tintlaħaq sal-2030 fuq il-bażi tad-data rrappurtata minn Stati Membri u f'konformità mal-metodoloġija komuni stabbilita.

IV. TISĦIĦ TAR-RWOL TAL-KONSUMATURI

- (45) **JENFASIZZA** li t-tikkettar tal-ikel, il-prattiki tal-kummerċjalizzazzjoni, l-ipprezzar, l-aċċess faċli, il-kwalità tan-nutrijenti, l-edukazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandhom rwol essenzjali fl-appoġġ ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli. **JAQBEL** li għażliet tajbin għas-saħħa u sostenibbli għandhom isiru faċli għall-konsumaturi. **JENFASIZZA**, f'dan il-kuntest, ir-rwol ta' informazzjoni xierqa u li tinftiehem faċilment għall-konsumatur bħala parti integrali ta' ambjent tal-ikel imtejjeb. **JISĦAQ**, f'dan ir-rigward, dwar il-ħtieġa li jiġi inkluż għarfien dwar l-imġiba f'dawn il-kwistjonijiet.
- (46) **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta gwida għall-akkwist tal-ikel sostenibbli fil-catering istituzzjonali.
- (47) **JAPPOĠĠA LILL-KUMMISSJONI** fl-ambizzjoni tagħha li tiġġieled iż-żieda fl-inċidenza ta' mard kardjovaskulari, piż żejjed u obeżità. **JAQBEL** mal-Kummissjoni li x-xejriet attwali tal-konsum tal-ikel jeħtieġ li jsiru aktar sostenibbli kemm mill-perspettiva tas-saħħa kif ukoll minn dik ambjentali.

¹¹ Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

¹² Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).

- (48) **JILQA'** l-fatt li l-Kummissjoni qed tfittex skema armonizzata ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett ibbażata fuq ix-xjenza, b'kont meħud tal-esperjenza nazzjonali eżistenti u ser tipproponi qafas armonizzat għat-tikkettar tal-ikel sostenibbli.
- (49) **JILQA'** l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tfittex titjib fit-tikkettar tal-orijini jew tal-provenjenza għal ċerti prodotti. **JENFASIZZA** l-ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatt, inkluż, pereżempju, il-benefiċċji għall-konsumaturi u l-produtturi u l-impatt fuq is-suq uniku, ta' approċċ armonizzat għad-dikjarazzjonijiet obligatorji tal-orijini jew tal-provenjenza.

V. NIPPROMWOVU T-TRANŻIZZJONI GLOBALI

- (50) **JIRRIKONOXXI** l-importanza tal-promozzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel flivell globali u tat-titjib tal-kompetittività tal-produtturi primarji tal-UE u biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. **JENFASIZZA** li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u għandha tfittex li tikseb impenji ambizzjużi minnhom f'oqsma ewlenin bħall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-bijodiversità u s-sistemi tal-ikel sostenibbli, inkluż is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-antimikrobiċi, filwaqt li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.
- (51) **JIRRIKONOXXI** l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles bħala wieħed mill-modi kif jiġu promossi l-istandards tal-UE u joġhlew l-istandards globalment. **JILQA'** l-fatt li l-UE ser tfittex li tiżgura kapitolu ambizzjuż dwar is-sostenibbiltà fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali kollha tal-UE, u li ser tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tagħhom, inkluż permezz ta' azzjonijiet tal-Uffiċjal Kap tal-UE għall-Kummerċ u l-Infurzar. **JITLOB** lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt għal dawk il-ftehimiet b'tali mod li r-riżultati tagħhom ikunu disponibbli ferm qabel il-fażi finali tan-negozjar ta' ftehim kummerċjali.
- (52) **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrevedi t-tolleranzi tal-importazzjoni għall-pestiċidi u li tqis l-aspetti ambjentali meta tivvaluta l-applikazzjonijiet tat-tolleranzi tal-importazzjoni, f'konformità mal-istandards u l-obbligi tad-WTO.

- (53) **JIRRIMARKA** l-importanza kbira tal-kooperazzjoni internazzjonali u tal-politika kummerċjali tal-UE fir-rigward tal-ikel u l-għalf importat. **IFAKKAR**, f'dan il-kuntest, li l-ikel u l-għalf importat jeħtieġ li jikkonforma bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
- (54) **JAPPOĠĠA** l-proposta tal-Kummissjoni biex jitnaqqsu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-livell dinji. **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2021 tippreżenta proposta leġiżlattiva u miżuri oħra biex tevita jew timminimizza t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti.
- (55) **JIRRIKONOXXI** r-rwol importanti tal-importazzjonijiet fl-impronta tal-karbonju u tal-bijodiversità tas-sistema tal-ikel tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwoni miżuri xierqa biex tnaqqas l-impatt tal-importazzjonijiet, filwaqt li tikkonforma mar-regoli internazzjonali.
- (56) **JILQA'** l-fatt li l-Kummissjoni tikkoopera ma' pajjiżi sħab dwar it-twaqqif tad-deforestazzjoni u l-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif ukoll il-ġestjoni sostenibbli tal-użu tal-art.
- (57) **JAQBEL** li l-UE għandha tippromwovi t-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli f'korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni, f'fora multilaterali rilevanti u f'avvenimenti internazzjonali bħas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel fl-2021. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-istabbiliment ta' skemi ġusti ta' produzzjoni u ta' ċertifikazzjoni ambjentali. **JENFASIZZA** l-importanza tal-kooperazzjoni globali fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.
- (58) **JAFFERMA MILL-ĠDID** l-impenn tal-UE għall-kooperazzjoni globali dwar sistemi tal-ikel sostenibbli bir-rispett dovut għall-isfidi differenti madwar id-dinja u **JINKORAĠĠIXXI** l-inklużjoni ta' sistemi tal-ikel sostenibbli bħala objettiv tal-politiki esterni tal-UE u l-inklużjoni ta' kapitoli speċifiċi dwar sistemi tal-ikel sostenibbli fl-alleanzi u l-ftehimiet ġodda kollha mas-sħab kollha. **JAFFERMA MILL-ĠDID** l-importanza tal-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp rurali Afrikan sostenibbli u, f'dan ir-rigward, **IFAKKAR** fid-dikjarazzjoni tat-tielet konferenza tal-ministri tal-agrikoltura mill-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea¹³.

¹³ Dikjarazzjoni u l-Aġenda ta' Azzjoni adottati mit-tielet Konferenza Ministerjali dwar l-Agrikoltura bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ġunju 2019 f'Ruma (dok. 12072/19)

(59) **JINNOTA** li l-pandemija tal-COVID-19 poġġiet l-attenzjoni fuq l-importanza tal-korrelazzjoni bejn is-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, in-nutrizzjoni u l-ikel, l-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u l-kundizzjonijiet tajba għall-ħarsien tas-saħħa, u r-rabta tagħhom mal-ambjent u t-tibdil fil-klima (l-approċċ "Saħħa Waħda"). **JILQA'** l-kooperazzjoni eżistenti bejn l-hekk imsejħa Organizzazzjonijiet internazzjonali "Tripartitiċi" (OIE, WHO u FAO) f'dan il-qasam u **JINKORAĠĠIXXI BIS-SĦIĦ** it-tisħiħ tagħha u l-estensjoni tal-kollaborazzjoni tagħhom għal organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-bijodiversità u l-ambjent, bil-ħsieb tal-fehim, il-kontroll u l-prevenzjoni aħjar tal-pandemiji attwali u futuri.
